Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President

25.2.2026

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2025/007 BE/Casa (2026/0038(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek u ddeċieda li jibgħat l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Frar 2026. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, l-opinjoni li tidher hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

Li Andersson

OPINJONI

A. Billi, fit-28 ta' Awwissu 2025, il-Belġju ppreżenta applikazzjoni EGF/2025/007 BE/Casa għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG), wara s-sensji fl-intrapriża Casa fil-Belġju, li topera fis-setturi ekonomiċi kklassifikati taħt in-NACE Reviżjoni 2 id-diviżjoni 47 (Kummerċ bl-imnut, ħlief ta' vetturi motorizzati jew muturi) u d-diviżjoni 52 (ħżin u attivitajiet ta' appoġġ għat-trasportazzjoni), fejn is-sensji seħħew fir-reġjun ta' livell NUTS 2 fil-provinċja ta' Antwerp (BE21);

B. Billi l-Belġju ppreżenta l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-inqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur (f'dan il-każ mis-6 ta' Marzu 2025 sas-6 ta' Lulju 2025) f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema ssensjati ta' fornituri u produtturi downstream u/jew il-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet; billi, wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati;

C. Billi l-applikazzjoni tirrigwarda 416-il ħaddiem issensjat (benefiċjarji eliġibbli) li l-attività tagħhom waqfet fis-setturi ekonomiċi indikati hawn fuq (257 f'Casa International NV (kummerċ bl-imnut) u 159 f'Casa Logistics NV (ħżin));

D. Billi fis-6 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur il-Belġju biex tiġi appoġġjata l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' 416-il benefiċjarju fil-mira;

E. Billi Casa tinkludi żewġ kumpaniji, li huma Casa International b'65 stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut fil-Belġju kollu, u Casa Logistics, responsabbli għall-ħżin u d-distribuzzjoni lil dawn il-ħwienet. billi s-sensji huma r-riżultat tad-diffikultajiet finanzjarji li Casa ilha tħabbat wiċċha magħhom għal diversi snin, parzjalment minħabba r-rwol ferm akbar tal-kummerċ elettroniku. billi l-kompetizzjoni internazzjonali wkoll intensifikat, u minħabba f'hekk fl-2020 intalbet il-protezzjoni tal-krediturі. billi Casa nbiegħet lil Globitas fl-2021 u reġgħet inbiegħet lill-kumpanija Żvediża AAS Retail fl-2024; billi Casa mbagħad reġgħet sabet ruħha f'diffikultajiet finanzjarji minħabba nuqqas sever ta' likwidità, u dan wassal għal bejgħ ta' likwidazzjoni fil-ħwienet fis-sajf tal-2024 u t-telf ta' diversi impjiegi fid-dipartiment tal-kummerċjalizzazzjoni fis-sede f'Olen; billi fl-aħħar ta' Ottubru 2024, Casa reġgħet għamlet talba lill-Qorti Kummerċjali għall-protezzjoni tal-krediturі għal sitt xhur bil-ħsieb ta' bidu mill-ġdid possibbli; billi ma kien hemm l-ebda xerrej potenzjali serju tal-intrapriża, u Casa International u Casa Logistics ġew iddikjarati falluti mill-Qorti Kummerċjali ta' Antwerp fis-6 ta' Marzu 2025, li wassal biex 416-il ħaddiem tilfu l-impjieg tagħhom;

F. Billi fil-Belġju l-fallimenti ilhom jiżdiedu mill-2022; billi, fl-2024, aktar minn 11 000 intrapriża ġew iddikjarati falluti (6 323 kienu fi Flanders), l-ogħla numru mill-2013 'il hawn; billi din it-tendenza kompliet tielgħa, fejn bejn Jannar u Settembru 2025, fallew 8 493 intrapriża li minnhom 4 964 jew 58 % kienu fi Flanders; billi, bħala riżultat tal-

fallimenti, intilfu 32 566 impjieg fil-Belġju fl-2024 u 15 351 fl-ewwel nofs tal-2025, li minnhom it-telf ta' impjiegi fi Flanders jirrappreżenta 59 % u 51 % rispettivament; billi madwar 18 % tat-telf tal-impjiegi seħħ fis-settur tal-industrija; billi, barra minn hekk, avvenimenti reċenti ta' ristrutturar bħas-sensji f'Van Hool, Sappi u Purmo, BelGaN, Tupperware u Audi, li għalihom il-Belġju applika għall-appoġġ mill-FEG, qed jaffettwaw is-suq tax-xogħol Fjamming: l-opportunitajiet ta' impjieg fis-settur tal-industrija naqsu;

G. Billi t-63 ħanut ta' Casa huma mifruxa madwar Flanders u Brussell, iżda kemm is-sede u kemm iċ-ċentru ta' distribuzzjoni jinsabu f'Olen (il-Provinċja ta' Antwerp); billi madwar nofs l-impjegati affettwati jinsabu mifruxa mal-Belġju u n-nofs l-ieħor huma kkonċentrati fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni u fis-sede; billi, bħala riżultat ta' din il-konċentrazzjoni, l-impjiegi fir-reġjun ta' Olen intlaqtu partikolarment ħażin; billi fir-reġjun ta' Neteland, li minnu jifforma parti Olen, l-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti rrappurtati lis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi naqas bi 11 % tul il-perjodu minn Ġunju 2024 sa Mejju 2025 meta mqabbel mat-12-il xahar ta' qabel, u l-għadd ta' persuni li qed ifittxu x-xogħol żdied b'7 % f'Awwissu 2025 meta mqabbel ma' April 2024;

H. Billi l-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom huma prinċipalment assistenti tal-bejgħ u persunal tal-imħażen; billi minkejja li l-għadd ta' postijiet vakanti għal impjieg dirett fis-settur tal-bejgħ bl-imnut (inkluż il-bejgħ bl-ingrossa) naqas fi Flanders f'dawn l-aħħar snin, għad hemm nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-bejgħ bl-imnut; billi, għalhekk, l-biċċa l-kbira tal-assistenti tal-bejgħ affettwati għandhom ċans tajjeb li jsibu xogħol; billi, madankollu, għall-ħafna ħaddiema tal-imħażen affettwati fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni se jkun aktar diffiċli biex isibu xogħol ġdid; billi hemm ħafna persuni li qed ifittxu impjieg li qed ifittxu impjieg ta' dan it-tip, peress li ħafna minn dawk li qed ifittxu impjieg ma għandhomx il-ħiliet jew il-kwalifiki t-tajbin (eż. lift truck, reach truck) u se jkollhom bżonn itejbu ħiliethom u/jew jaħdmu f'reġjun ieħor jew jaqilbu għal professjoni differenti;

I. Billi l-Belġju indika li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament dwar il-FEG;

J. Billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027;

Għalhekk, Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jintegra s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-objettiv tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-benefiċjarji, u li jagħtihom appoġġ; iqis li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li jkollhom l-għan li l-benefiċjarji jintegraw mill-ġdid u malajr f'impjieg deċenti u sostenibbli fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu; jisħaq fuq l-

importanza li l-ħaddiema jitħejjew u jingħataw appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropej li huma meħtieġa b'mod urġenti; itenni, f'dan il-kuntest, ir-rwol importanti li għandha l-Unjoni, inkluż permezz tal-FEG, li tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament tal-FEG huma ssodisfati u li l-Belġju huwa intitolat għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 916 733 skont dak ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 85 % tal-kost totali ta' EUR 2 254 980, liema kost jinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 2 168 980 u n-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar ta' EUR 86 000;

3. Jinnota l-fatt li l-Belġju pprovda l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa li r-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati u li l-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u l-implimentazzjoni tagħhom;

4. Ifakkar fil-profil tal-ħaddiema ssensjati, fejn aktar minn żewġ terzi tal-ħaddiema ssensjati huma nisa u madwar terz tal-ħaddiema ssensjati għandhom aktar minn 50 sena, u jqis li, flimkien mal-pressjonijiet tas-suq tax-xogħol, il-ħaddiema se jeħtieġu appoġġ addizzjonali mfassal apposta, b'mod partikolari assistenza mmirata li tiffoka fuq it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, biex tgħinhom jirnexxu fit-tranżizzjoni lejn l-impjieg;

5. Jisħaq li l-Belġju kkonferma li l-miżuri appoġġjati mill-FEG m'huma se jirċievu l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;

6. Jinnota li l-pakkett ikkoordinat personalizzat li għandu jiġi pprovdut lill-ħaddiema ssensjati jikkonsisti fil-miżuri li ġejjin: (a) taskforce (sessjonijiet ta' informazzjoni li għandhom jiġu organizzati minn esperti b'għarfien profond tas-suq tax-xogħol lokali), (b) Rikollokament (servizzi ta' rikollokament ipprovduti f'sessjonijiet fi grupp jew individwali, intervista inizjali u gwida individwali, ċertifikazzjoni tal-ħiliet miksuba, gwida dwar l-użu ta' pjattaforma diġitali għat-tiftix ta' impjieg, eċċ.;), (c) medjazzjoni attiva, (d) gwida, (e) taħriġ u taħriġ mill-ġdid, (f) taħriġ fuq il-post tax-xogħol, u (g) fiera tal-impjiegi; minħabba l-età u l-profil tal-edukazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, jisħaq li l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn il-gruppi għandhom jitqiesu meta jiġu pprovduti s-servizzi personalizzati;

7. Jisħaq b'mod partikolari fuq l-importanza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li l-pakkett ikkoordinat jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa fil-futur, li jkunu kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u tingħata attenzjoni partikolari lid-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali; jilqa' l-fatt li t-taħriġ fl-ICT tal-pakkett u l-appoġġ addizzjonali previst fi ħdan is-servizzi ta' rikollokament jipprovdu appoġġ kemm lil dawk illitterati diġitalment kif ukoll lil dawk li għandhom xi ħiliet diġitali, appoġġjati minn valutazzjoni tal-ħiliet diġitali u dispożizzjonijiet għall-ħaddiema biex jissellfu laptop, jirċievu taħriġ dwar kif jużawh u jiksbu tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħhom marbuta mal-qasam diġitali;

8. Ifakkar fil-possibbiltà ta' miżuri speċjali limitati fiż-żmien fil-pakkett ikkoordinat,

inkluż, fost l-oħrajn, li jitħallsu l-allowances għall-indukrar tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament FEG biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti.